# SME HELPDESK

**PUBBLIKAZZONI 12**
**2 TA' DIĊEMBRU 2014**




***Anton Vella - Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk***

Ħbieb,

Għaddiet sena, minn mindu l-*Malta Employers' Association*, waqqfet l-*SME Helpdesk* tagħha. Tnax il-xahar li għalina, rajnihom gerbu u għaddew qishom ħolma.

Jiena bħala uffiċċjal eżekuttiv, ta' din it-taqsima fi ħdan l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, inħoss li għamilt ħilti kollha sabiex nipprova inwassal lilkom imprendituri, sidien ta' negozji żgħar, kull informazzjoni li ħassejt li kienet utli u mportanti li tasal għandkom.

Bdejt minn lista ċkejkna ta' kuntatti li fil-maġġoranza kbira tagħhom, huma negozji li ma kienux membri tagħna, u bdejt nikkomunika magħhom fuq bażi regolari. Illum bi pjaċir nista ninfurmagħkom li l-lista kibret u kibret sew, u jista jkun li għal xi uhud minnkom din hi l-ewwel korrispondenza li qed tircievu minn għandi.

**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR
vodafone




Jekk int wieħed jew waħda minnhom, insellimlek.

Għal dawk li qed jirċievu dan il-fuljett elettroniku għall-ewwel darba, tajjeb li fil-qosor ħafna, nispjega x'inhi il-funzjoni tal-*MEA SME Helpdesk*.

Il-*Helpdesk* twaqqaf b'għan li jservi ta għajn ta' informazzjoni għal sidien ta' negozji żgħar f'pajjiżna. Taqsima fi ħdan l-MEA, li hi kompletament iffokata fuq *issues* li jikkonċernaw is-settur ta' negozji żgħar. Minn żmien għal żmien qed inżommu laqgħat ma' entitajiet Governattivi, Awtoritajiet, u Dipartimenti tal-Gvern, sabiex inżommukom aġġornati b'dak kollu li jkun qed jiġri jew jinbidel, kif ukoll inkunu minn ta' l-ewwel li ninfurmawkom xi jkun qed jiġi offrut lilkom sidien ta' negozji żgħar, fir-rigward ta' skemi, benefiċċji u għajnuniet. Jista' jkun li xi drabi se tkun qed tirċievi pubblikazzjoni oħra, UPDATE, li l-MEA tibgħat lil membri tagħha.

Kienet sena impenjattiva, fejn fiha jien ħadt diversi inizjattivi, sabiex f'isem l-MEA nitkellem favur aktar impenn lejn is-settur tan-negozji żgħar.

- Konna minn ta' l-ewwel li ippreżentajna il-veduti tagħna dwar il-proposta ta' liġi ġdida li tirregola in-negozji tal-familja.
- Ippreżentajna dokument interessanti, mimli proposti favur is-settur tan-negozji żgħar, bħala parti mis-sottomissjoni tal-MEA, lil-Gvern, fuq il-baġit.
- Bagħtna il-kummenti tagħna fuq l-*issue* tal-ftuħ tal-ħwienet f'pajjiżna, bħala reazzjoni għad-dokument ippreżentat mill-Gvern, u li kien miftuħ għal-konsultazzjoni pubblika.
- Bħala *SME Helpdesk* ħadna ħsieb ukoll li niġbru numru ta' rakkomandazzjonijiet ta' kif il-Gvern jista jieħu passi sabiex inaqqas il-burokrazija żejda fl-operat tiegħu. Dawn ġew miġbura f'dokument komprehensiv u f'isem l-MEA ippreżentajnieħ lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Burokrazija.
- Hadt sehem attiv, ipparteċipajt, u tkellimt favur is-settur tan-negozji żgħar f'pajjiżna f'numru ta' programmi televiżivi, bl-isem "MEA", li l-Assoċjazzjoni ta'

min lħaddem qed tipproduċi bħalissa fuq TVM u TVM2, ta' kull ġimgħa.

- Flimkien ma' *2M Management Consultancy Ltd*. ġie organizzat kors akkreditat *(level 4)* bl-isem *"Family Business Governance and Succession Planning Programme*".

- Bħal dan iż-żmien sena ilu, konna bdejna l-ħidma tagħna billi organizzajna *Business Breakfast*, bit-titolu *"SMEs from the employers' point of view"* fejn attendew numru sabiħ ta' parteċipanti.

- Issa ftit tal-ġimgħat ilu għalaqna il-ħidma għal din is-sena b'żewġ attivitajiet li ġew organizzati bħala parti mill-*Malta SME WEEK 2014*. Dawn kienu *info session* dwar ir-relevanza tal-HR għan-negozji żgħar, u attivita' oħra fuq bażi Nazzjonali, l-*SME Business Clinic Workshop* – eżerċizzju li offra lil 10 imprendituri Maltin, il-possibilita' li jibbenefikaw €25,000 ewro bejniethom, f'servizzi ta' konsulenza, mingħand esperti fin-negozju.



***Waqt il-business breakfast ta' sena ilu.***

Kif qed taraw, l-*MEA SME Helpdesk* qed jagħmel il-parti tiegħu, sabiex jipprova iwassal informazzjoni utli lilkom. Issa jiddependi minnkom, jekk tagħżlux li tibqgħu passivi jew le.

Jien nibqa dispost li nikkomunika magħkom ta' kull xahar permezz ta' dan il-fuljett elettroniku, u inwegħdkom li ser nibqa nagħmel ħilti kollha sabiex nipprova inkun ta' għajnuna għalikom. Ovvjament jekk tagħżlu li tissieħbu mal-Assoċjazzjoni, ikollkom ħafna aktar minn hekk.

L-MEA, stabbilita' 50 sena ilu, illum tħaddan il-fuq minn 600 membru *(employers)* magħha. Dawn bejniethom jirrappreżentaw terz tal-*workforce* f'Malta. L-MEA hija ukoll Unjon rikonoxxuta f'pajjiżna, Unjon tal-*Employers*, li qedin hawn biex noffru is-servizzi tagħna għal kull min jiddeċiedi li jissieħeb magħna. Servizzi li jistgħu jvarjaw minn pariri legali, sa gwida fuq kif jistaw jiġu stabbiliti *industrial collective agreements*. Pariri u għajnuna dwar relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegati tiegħu. Nitkellmu f'isimkhom, u nsemmgħu leħinkhom dwar *issues* li jista jkun li jkunu qed jippreokkupawkom. L-MEA tieħu ħsieb ukoll li minn żmien għal żmien torganizza *courses* dwar *Employment Law, HR, Fiscal and Financial Planning,* u oħrajn. Għalhekk nemmen u nħoss li, bħala

Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem aħna verament nistgħu inkunu ta' spalla għalik fl-operat tan-negozju tiegħek.

Kull min jixtieq aktar informazzjoni dwar x'servizzi noffru u kif jista jissieħeb ma' l-MEA, jista jibgħat *email* lis-segretarja fuq admin@maltaemployers.com jew jikkomunika miegħi fuq anton.vella@maltaemployers.com. u jien niggwidah x'għandu jagħmel.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nixtieq nieħu din l-opportunita' sabiex f'isem l-MEA minn issa nawgura lilkom u lil familji tagħkom, il-festi t-tajba.




***Mix-xellug għal-lemin: Joseph Farrugia - Direttur Ġenerali, Arthur Muscat - President u Dr Charlotte Camilleri – Avukat***

Tislijiet,

Anton
*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*

SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES




ZAFFARESE
signs + display ltd
Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com